MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 695/2013

**Francis Falzon (ID54347M) u martu Mary Doris Falzon (ID935948)**

**Vs**

**Mariella Aguis (ID139282M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 24 t' Ottubru, 2013 li permezz tieghu l-atturi qed jeccepixxu:

Peress illi l-vettura mudell Hyundai Pony bin-numru ta' registrazzjoni IAU-043 hija registrata mal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta f'isem ir-rikorrent, izda effettivament ma hijiex proprjeta' tieghu izda hi proprjeta' tal-intimata.

Peress illi l-imsemmija vettura minn dejjem intuzat esklussivament mill-intimata jew minn terzi injoti awtorizzati minnha, u r-rikorrent qatt ma kellu l-kontroll jew il-pussess ta' din il-vettura.

Peress illi fil-perjodu li fih din il-vettura kienet registrata f'isem ir-rikorrenti, izda fil-pussess u fil-kontroll tal-intimata jew terzi awtorizzati minnha, nhargu diversi citazzjonijiet dwar l-istess vettura li l-multi dwarhom sal-lum jammontaw komplessivament ghas-somma ta' disgha mija u tmien Ewro u hamsa u tletin centezmu (€908.35c).

Peress li l-intimata naqset ukoll milli thallas il-licenzja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU-043 ghal numru ta' snin, u hemm is-somma ta' mitejn u erba' Ewro u tnejn u tletin centezmu (€204.32c) rapprezentanti  hlas dovut lil Transport Malta dwar arretrati ta' licenzji mhux imhallsa u *administrative fees*.

U billi ghalhekk l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' elf mija u tnax-il Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,112.67c).

U billi l-intimata qeghda ingustament tirrifjuta milli thallas u taghmel tajjeb ghal dan l-ammont, u lanqas hallset dak dovut lill-Awtoritajiet koncernati, ghalhekk kellha ssir din it-talba billi r-rikorrent gie li jrid ihallas din is-somma hu.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' elf mija u tnax-il Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,112.67c) kif fuq spjegat.

2. Jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva elf mija u tnax-il Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,112.67c).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ntavolata skont l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-25 ta' Frar, 2013 u li ghaliha l-intimata pprezentat risposta (Dokument 'A' anness), u bl-imghaxijiet kontra l-intimata, ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 08 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixxiet:

1. Illi l-esponenti qatt ma kellha l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU-043 registrata fuq isimha, kif ukoll meta l-vettura kienet fil-pussess tal-esponenti hija dejjem halset ic-citazzjonijiet tat-traffiku li hija qalghat.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-konfront tal-intimata stante li l-ammont ta' citazzjonijiet imsemmi nghataw meta l-vettura ma kenitx fil-pussess tal-eccipjent.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut mill-eccipjent.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda

**Ikkunsidra:**

Fix-xhieda taghha l-konvenuta ddikjarat illi l-attur huwa z-ziju tar-rispett taghha. Riedet tixtri karozza u ghalhekk kien hadha ghand habib tieghu li kien dealer tal-karozzi. Kienet is-sena

2003. Il-karozza kienet tiswa elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) u l-attur u martu kienu ser iselfuha tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghalhekk kienu ftehmu li zzomm il-karozza u anke l-assikurazzjoni fuq ismu. Jista jkun ukoll illi kienet ser tibqa fuq ismu biex jiffrankaw xi hag'ohra ghaliex kellha wiehed u ghoxrin sena (21) pero` aktar ghaliex selfilha l-flus. Kienet hallset ghall-insurance u l-licenzja hi. F'Lulju, 2003 kellha 'ncident bil-karozza kienet cemplet lill-attur u kien gie fuq il-post tal-incident, hallew il-karozza hemm u l-ghada kienu 'ttowjawha' ghand panel beater. Ma kienitx taf min ghaliex halliet f'idejh. Wara kien cemplilha t-tifel tal-attur li qalilha li habib tieghu ried il-vettura, ix-xerrej kien jismu Clayton Cutajar li kien jahdem il-pixxina u kellu kuntatt maghhom. Kien offra mitejn lira Maltin (Lm200) u hi kienet accettat. Kienet kellmet lill-attur biex jaghmel it-transfer pero` dan qatt ma sar. Kien jghidilha l-gustizzja halliha f'idejja. F'seduta ohra xehdet illi Cutajar kien tah il-flus quddiem Falzon wara li hallasha Cutajar kien ha l-karrozza bil-logbook b'kollox. Anke missierha kien talbu jaghmel it-transfer.

Hi kkonfermat li kienet halsitu l-ammont misluf kollu. Sahansitra kienet offriet li thallas ammont lilu pero` llum nsiet kemm kien l-ammont. Hi kienet lesta li thallas ghall-affarijiet li kienu zball taghha imma mhux aktar.

Xehed l-attur li kkonferma li kienu sellfuha l-flus biex tixtri karozza. Kienet talbitu li zzomm il-karozza f'ismu biex tiffranka xi haga u infatti hekk gara. Imbaghad gie nfurmat li habbtet bil-karozza. Wara l-incident kienet infurmatu li bieghet il-karozza kienet gabitlu l-logbook u ffirmalha. X'ghamlet bih ma kienx jaf. Hu ma hax sold minghandha ghaliex kien ta parti minnhom bhala rigal tal-birthday imbaghad rigward il-hlasijiet l-ohra lanqas ma kienet halset. Wara xi sitt jew seba' snin rcieva dokument li huwa citazzjoni disa' mija u tmien Ewro u hamsa u tletin centezmu (€908.35c) u mitejn u erba' Ewro (€204).[1] L-ammont totali huwa ta' elf mija u tnax-il Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1112.67). Hi kienet infurmatu li marret l-ADT. Hu qatt ma ra din il-karozza kien sar jaf x'kulur hi wara li habtet. "*Qatt ma offrietli xejn*".

[1] Ara dok FF 2 u 3

Xehed it-tifel tal-attur Kevin Falzon li ddikjara illi ma seta' jiftakar xejn dwar din il-vettura tal-konvenuta (kugina tieghu) u/jew jekk qatt kien iddiskuta ma' Clayton Cutajar. Ikkonferma illi missieru qatt ma saq vettura ohra hlief van Vauxhall.

Xehed missier il-konvenuta li kkonferma li kienu jghidu lill-attur biex jaghmel it-transfer pero` hu dejjem kien jghid "*il-gustizzja halliha f'idejja*". Dawk iz-zminijiet kien ftit li xejn ikellem it-tifla pero` xorta kien jghid lill-attur biex jiehu hsieb it-transfer.

It-Tribunal ghal darb' ohra ghandu provi u verzjonijiet konflingenti. Illi meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta' provi ghandu jara li min huwa l-aktar kredibili. Ara **Farrugia vs Farrugia**[2] fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi hareg illi l-attur kien ghen lill-konvenuta tixtri karozza billi sellifha l-flus u sahansitra jidher illi jekk il-vettura kienet fuq ismu jghinha tiffranka l-flus. Li ma harigx car huwa ghaliex wara li habtet bil-vettura u nbieghet lill-terzi l-attur ma hax hsieb li jaghmel it-transfer. Illi kemm il-konvenuta u anke missierha qalu l-istess diskors dwar l-attur u cioe li kien jghid li *"l-gustizzja halliha f'idejja,"* filwaqt li l-attur jghid li ma kienx involut f'xejn. Illi ghat-Tribunal il-fatti kif prezentati huma mhawdin ghall-ahhar u li ma ingab ebda xhud iehor li setgha jaghti stampa aktar cara tal-fatti u ghaliex *transfer* tal-vettura kif suppost qatt ma sehh. Illi t-Tribunal huwa xettiku dwar il-kredibilita` tal-konvenuti ghaliex infatti l-ewwel verzjoni taghha *viz a viz* verzjoni sussegwenti ma jaqblux. Illi persuna li setghet tixhet dawl fuq il-kwistjoni kien ix-

[2] (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 t' Ottubru, 2003)

xerrej pero` dan ma giex ingunt. Fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-verzjonijiet imhawdin tal-partijiet it-Tribunal ihoss li z-zewg partijiet ma humiex qeghdin jkunu cari ta' x'fil-fatt gara ezattament u kienu traskurati bil-mod kif mexxew l-affarijiet. Illi, ghalkemm il-vettura ma kinitx fil-pussess taghha meta saru dawn ic-citazzjonijiet, hareg car li l-vettura kienet intiza ghall-uzu u beneficcju tal-konvenuta biss meta nxtrat u ghalhekk ghandha terfa parti mir-responsabilita` ghall-fatt illi t-transfer ma sehx. Ghalhekk *arbitrio boni viri* t-Tribunal ihoss illi ghandu jaqsam ir-responsabilita` bejn iz-zewg partjiet.

**Decide:**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi in parte fl-ammont ta'hames mija u sebgha u hamsin Ewro (€557.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes jigu ssoportati ugwalment bejn il-partjiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------